**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 15 ta' Novembru, 2018**

**Mandat Nru: 1598/2018/1 AF**

**Saviour Camilleri, Ernest Bugeja u Anthony Bugeja**

**vs**

**A.B.M. Limited (C-1214)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Saviour Camilleri, Ernest Bugeja u Anthony Bugeja li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih imfissra, din il-Qorti ntalbet biex izzomm lil A.B.M Limited milli taghmel eskavazzjoni, thammil, bini jew kostruzzjoni ta' xorti ohra fil-proprjetà maghrufa bhala Tal-Bambina, iz-Zurrieq li tikkonfina bejn il-proprjetajiet tal-partijiet, liema xogholijiet ta' kostruzzjoni qed isir mis-socjetà intimati u precizament skond il-pjanta hawn annessa bil-marki homor.

Rat id-dokument anness.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta' A.B.M. Limited.

Rat id-dokumenti maghha annessi.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li thalla sabiex jigi degretat in camera.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment kif gej:

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'ghandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

Il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati fil-kuntest hija ben stabbilita fis-sens illi:

> *"Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li rrikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (prima facie) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha prima facie l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[1]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix." –* (Mallia et vs Grima et – 23 ta' Lulju 2018)

Il-Qorti tibda biex tiskarta l-ewwel konsiderazzjoni li qeghda taghmel is-socjetà intimata dwar l-integrità tal-gudizzju ghar-raguni li r-rikorrenti mhumiex l-unici sidien tal-art *de quo*. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-argument m'ghandux postu fl-ambitu ta' proceduri ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni.

---

[1] App Civ. **14.7.1988** fil-kawza fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfré*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)

Konsiderazzjonijiet ta' natura preliminari ta' din ix-xorta jibqghu essenzjalment rizervati ghall-kawza fil-mertu.

Lanqas ma hija rilevanti r-riferenza li taghmel is-socjetà intimata ghal dak li jirrikjedi l-Art. 874(2) tal-Kap. 12 u cioè ghar-rekwizit tad-deskrizzjoni tal-proprjetà. L-Art. 874 jirreferi ghal xort'ohra ta' mandat ta' inibizzjoni ben divers minn dak li qed jigi mitlub illum.

Dan premess, madanakollu din il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma rnexxielhomx jissodisfaw id-dettami tal-ligi ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, senjatament ghaliex ma jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li huma jgawdi l-jeddijiet li qed jirreklamaw. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li kkonsidrat:

1. Illi s-sehem ta' Ernest Bugeja u Anthony Bugeja fil-proprjetà ma jirrizulta minn ebda dokument esibit. Huwa biss Saviour Camilleri li jiffigura b'xi mod meta dan jidher partecipi fid-dikjarazzjoni "*causa mortis*".

2. L-identifikazzjoni tal-art li r-rikorrenti jsostnu tgawdi d-dritt ta' passagg fuqha baqghet ferm neboluza. Ma jirrizulta xejn deciz fir-rigward, la l-kejl, la l-irjihat, lanqas il-provenjenza. Il-pjanta annessa mal-*causa mortis* li fuqha qieghed jistrieh ir-rikorrenti Saviour Camilleri (li *del resto* giet prezentata mill-intimata) ukoll tidher li tirreferi ghall-art ohra.

3. F'ebda wiehed mill-kuntratti esibiti ma jirrizulta xi servitù ta' passagg li jiggrava l-proprjetà tal-intimata. L-argument tar-rikorrenti li r-raguni ghal dan hija li l-art kollha kien originarjament proprjetà wahda ma jregix ghaliex il-Qorti tqis li f'dak il-kaz is-sitwazzjoni tal-jedd ta' passagg kienet tigi specifikament regolata fil-qasma.

F'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma rnexxielhomx jipprovaw il-jedd li ghandhom mad-daqqa t'ghajn u, tenut kont li r-rekwiziti tal-ligi fil-kuntest huma kumulattivi, ma tqisx li hemm htiega li tindaga oltre.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tirrevoka *contrario imperio* id-digriet taghha tal-4 ta' Ottubru 2018, tichad it-talba tar-rikorrenti definittivament.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF